# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.

Seduta tal-4 t'April 2016

Appell Nru: 529/2014 u 530/2014

**Il-Pulizja**

**(Spettur A. P. Miruzzi)**

**Vs**

**Brian Camilleri**

**Jonathan Sammut**

**Dominic Vella**

**Paul Joseph Vella**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellanti, **Brian Camilleri** detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 193979M, **Jonathan Sammut** detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 206088M, **Dominic Vella** detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 197093M u **Paul Joseph Vella** detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 204407L quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli: Nhar it-3 ta' Ottubru, 2010 gewwa Bingemma (Bu Nahhala) ghal habta ta' 06:00pm u qabel ipproducew skart jew dahlu ghal xi attivita fl-immanigjar ta' skart, kemm il-darba

minghajr ma agixxew biex iharsu d-dispozizzjonijiet tar-regolamenti tal-2001 dwar permess u kontrolli fl-immanigjar ta' skart AL 337/2001, minghajr ma kellhom permess kif inhu mehtieg mir-regolamenti ta' 2001 dwar permess u kontrolli fl-imaniggjar tal-iskart tal-AL 337/2001, u ma kienux qeghdin jagixxu skond xi kundizzjonijiet htigijiet jew direttivi stipulati mill-Awtorita' kompetenti tar-regolamenti tal-2001 dwar permess u kontroll tal-imanigjar tal-iskart AL 337/2001 u dan bi ksur tal-istess regolamenti art. 6.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar it-12 ta' Dicembru, 2014, fejn wara li rat l-A.L. 337/01 sabet lill-imputati Brian Camilleri, Jonathan Sammut, Dominic Vella u Paul Joseph Vella, hatja tal-akkuza kif dedotta kontrihom u kkundannathom multa ta' elf u mitejn ewro kull wiehed (€1200).

Rat ir-rikors tal-appell ta' Brian Camilleri, Dominic Vella u Paul Joseph Vella, prezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar l-24 ta' Dicembru, 2014 bin-numru 529/2014, li bih talbu lil din il-Qorti: Tannulla s-sentenza minhabba n-nuqqasijiet procedurali imsemmija fl-aggravji preliminari; jew tirrevoka s-sentenza billi tikkancellha u tillibera lill-appellanti Brian Camilleri, Dominic Vella u Paul Joseph Vella minn kull imputazzjoni migjuba kontrihom.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Jonathan Sammut, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar it-23 ta' Dicembru, 2014 bin-numru 530/2014, li bih talab lill-din il-Qorti thassar u tannulla s-sentenza appellata u konsegwentement tilliberah minn kull htija u piena.

Rat l-atti kollha tal-process;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-appellanti ressqu appelli separati b'uhud mill-aggravji simili u ohrajn differenti, u ghalhekk din il-Qort sejra tikkunsidrahom flimkien u b'mod separat fejn applikabbli. L-ewwel aggravju tal-appellant Sammut jitratta dwar in-nullita' tac-citazzjoni mertu tas-sentenza appellata u ghalhekk huwa logiku li dan ikun kunsidrat *in primis*. L-appellant jargumenta li c-citazzjoni hija wahda nulla u qatt ma setghet twassal ghal sejbien ta' htija peress illi ma saritx skond l-artikolu 360(2) tal-Kodici Kriminali. Itenni li kontra tieghu kienu attribwiti fatti li jiksru d-disposizzjonijiet tal-Avviz Legali 337/2001 li ghandu xejn anqas minn 29 regolament u l-uniku artikolu [recte. regolament] 6 citat fl-ahhar tac-citazzjoni mill-prosekuzzjoni jitratta dwar ir-*responsabilita' ta' produtturi u managers ta' skart li jharsu dawn ir-regolamenti* u dan ma jammontax ghal-reat per se izda jitratta dwar ir-responsabilita' fuq certu individwi. Dwar dan l-aggravju l-appellant jilmenta illi *filwaqt illi l-uniku artikolu* [recte. regolament] *li kien kwotat fic-citazzjoni huwa biss regolament generali, l-artikolu* [recte. regolament] *26 li jitratta r-reati per se huwa umbaghad maqsum f'5 sub-artikoli, ie mill-anqas hames xenarji differenti ta' reati.*

2. Ikkunsidrat illi kif tajjeb jirrileva l-appellant Sammut, din il-lanjanza gia kienet sollevata quddiem l-Ewwel Qorti li ddisponiet mill-istess billi ddecidiet illi *ma ssibhiex gravi li l-prosekuzzjoni ma semmietx ir-reati applikabbli.* Jibda biex jinghad illi huwa l-artikolu 360(2) tal-Kodici Kriminali u mhux is-subartikolu (1) li jirregola c-citazzjoni, ossia l-ordni bil-miktub li biha titharrek persuna imputata ta' reat. "*Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuza, bil-partikularitajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw.*". Kif kostantement deciz mill-Qrati taghna, dak li hu rikjest mill-prosekuzzjoni fit-tnedija tac-citazzjoni hu li tindika fiha l-fatti li dwarhom l-imputat hu mitlub jidher quddiem il-Qorti fid-data u hin indikati. Mhux mehtieg li l-imputazzjonijiet ikunu redatti fil-kliem testwali tal-ligi (Il-Pulizija vs Philip Schembri App Krim 18.11.1994).

3. Dawn il-fatti naturalment iridu juru b'mod car ir-reat li tieghu il-persuna tkun imputata, igifieri b'mod li l-imputat ikun jaf ta' liema reat jew reati qed ikun akkuzat u ghal liema reat jew reati irid iwiegeb (*ibid*). Jibqa' biex ikun konsiderat imbaghad jekk dawk il-fatti kif migjuba fic-citazzjoni jammontawx ghal xi reat jew reati ohra (Il-Pulizija vs Joseph Farrugia (App Krim 13.1.1995). Jizdied ma dan ukoll li *ic-citazzjoni li jkun fiha l-ordni lill-imputat biex jidher quddiem il-Qorti tal-Magistrati qatt ma tista tkun nulla, kemm jekk tkun tikkontjeni kif ukoll jekk ma tikkontjenix dettalji korretti jew skoretti tal-fatti* (Il-Pulizija vs Emanuel Buttigieg App Krim 4.11.1994). Fis-sentenza l-ahhar citata, din il-Qorti wara li ccitat id-dibatti fil-Kunsill Tal-Gvern dwar l-origini tas-subartikolu (2) tal-artikolu 360 tal-Kodici Kriminali, rriteniet illi "*ic-citazzjoni ghadha mhix hlief avviz lill-imputat biex jidher quddiem il-Qorti tal-Magistrati. Id-dettalji msemmijin dwar il-fatti ghandhom jigu ndikati fiha mhux ghall-fini tal-validita' taghhom jew tal-proceduri, kompriza s-sentenza, li jsegwuha, izda ghall-fini ta' pratticita' u ta'evitar ta' telf ta' zmien*".

4. Huwa palezi ukoll illi mhux mehtieg li jkun indikat fic-citazzjoni l-artikolu, r-regolament, l-Kapitolu jew l-Avviz Legali ghal-liema jirreferu dawk il-fatti. Issa l-appellant jargumenta illi c-citazzjoni kif dedotta hija nulla ghaliex ma fihiex l-fatti tal-akkuza kif rikjest mil-ligi sabiex l-imputat ikun jista' jkun jaf biex qed ikun akkuzat, u jipprepara d-difiza tieghu. In sostenn ta' dan l-appellant jiccita tlett sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) pero, ezaminati dawn is-sentenzi ma hemm xejn li jitratta dwar in-nullita' o meno tac-citazzjoni. Dawn jitrattaw dwar imputazzjonijiet konsimili ghall-fatti odjerni bid-differenza illi f'dawk il-kawzi l-prosekuzzjoni kienet indikat l-fatti b'mod enumerat u indikat ukoll r-regolament tal-Avviz Legali ta' kull fatt allegat. Fil-kaz hawn skrutinat, l-prosekuzzjoni ghazlet illi tatribwixxi tlett fatti diversi kontra l-appellanti fi kliem iehor allura tlett imputazzjonijiet, f'paragrafu wiehed lkoll bi ksur tar-regolament 6

tal-Avviz Legali 337/2001. L-appellant isostni illi r-regolament 6 ma jirraviza ebda reat izda johloq responsabilita' fuq certu individwi u li huwa l-artikolu [recte: regolament] 26 li jitkellem dwar ir-reati f'dan l-Avviz Legali. Dan ir-ragunament ma jista' jwassal ghall-ebda motivazzjoni sabiex din il-Qorti tiskarta l-insenjament appena riassunt. Ic-citazzjoni tikkontjeni fatti cari bizzejjed sabiex l-appellant setgha jkun jaf biex inhu akkuzat u jhejji d-difiza tieghu u ghalhekk kien sodisfatt il-vot tal-ligi naxxenti mill-artikolu 360 (2) tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9. Dan l-aggravju ghalhekk qed ikun michud;

5. Isegwi ghalhekk li jkunu issa kunsidrati it-tieni aggravju tal-appellant Sammut u l-ewwel aggravju tal-appellanti Vella, Camilleri u Vella li t-tnejn jitrattaw dwar in-nullita' tas-sentenza. Filwaqt illi l-appellanti kollha jargumentaw illi s-sentenza appellata hija wahda nulla ghaliex mhix konformi mal-artikolu 328 tal-Kodici Kriminali, l-appellanti Vella, Camilleri u Vella jinvokaw in-nullita' ukoll minhabba li l-Ewwel Qorti pprekludiethom milli jirrispondu n-nota ta' sottomissjonijiet registrata mill-Pulizija qabel l-ghoti tas-sentenza. Dan il-punt ghalhekk jehtieg li jkun kunsiderat *in primis*. Fis-sottomissjonijiet orali tieghu d-difensur tal-appellanti jghid illi l-Ewwel Qorti kienet tat liz-zewg partijiet il-fakolta li jirregistraw nota ta' sottomissjonijiet u li n-nota taghhom kienet registrata wara li l-prosekuzzjoni naqset milli taghmel tali nota. Sussegwentement il-Pulizija dahhlet in-nota taghha u din kienet accettata mill-Ewwel Qorti. L-appellanti jikkontendu li din kienet tammonta ghal-prova fl-atti li ma kellhomx kontroll fuqha la darba ma inghatawx il-beneficcju li jkollhom l-ahhar kelma bhala akkuzati;

6. Minn ezami tal-atti jemergi illi fis-seduta tat-13 ta' Gunju 2014, il-Qorti kienet ikkoncediet lill-prosekuzzjoni nota ta' sottomissjonijiet fi zmien tletin jum b'notifika lill-kontro-parti li kellhom tletin jum

sabiex jirreplikaw. Fit-13 t'Awissu 2014, l-appellanti rregistraw n-nota ta' sottomissjonijiet taghhom. Wara rikors intavolat mill-prosekuzzjoni fit-22 t'Awissu 2014 l-Ewwel Qorti kienet kkoncediet aktar zmien sabiex din tirregistra n-nota ta' sottomisssjonijiet taghha. Jirrizulta, izda, illi n-nota tal-appellanti tinsab enumerata b'mod precedenti fl-atti processwali bir-rizultat illi n-nota tal-appellanti, ghad illi registrata disat ijiem qabel, hija enumerata bhala fol 32 meta r-rikors tal-prosekuzzjoni huwa enumerat fol 30. Id-digriet tal-Ewwel Qorti li bih kkoncediet din it-talba huwa datat 3 ta' Settembru 2014. In-nota tal-prosekuzzjoni kienet imbaghad registrata fid-29 ta' Settembru 2014. Jibda biex jinghad illi l-prosekuzzjoni imxiet b'korrettezza meta ghamlet talba sabiex tintavola n-nota taghha wara li kien skada iz-zmien originarjament lilha koncess. L-appellanti ipprezentaw in-nota taghhom tletin jum wara li kien skada dan il-perjodu igifieri fit-13 t'Awwissu meta l-prosekuzzjoni kellha sat-13 ta' Lulju liema nota kellha tkun wahda responsiva ghal dik tal-prosekuzzjoni. Kien jispetta lill-appellanti li permezz ta' rikors jindikaw li l-prosekuzzjoni kienet naqset milli taghmel uzu mill-fakolta' lilha koncess u titlob direzzjoni mill-Qorti qabel ma tipprezenta n-nota taghha ghaliex bl-azzjoni taghhom l-appellanti prattikament gabu fix-xejn l-ordinament stabbilit mill-Qorti ghall-iskambju ta' dawn in-noti. Din il-Qorti ma taqbilx illi n-nota tal-prosekuzzjoni tammonta ghal xi forma ta' prova aktar u aktar meta ezaminat il-kontenut taghha fejn f'zewg linji qalet li l-appellanti, allura imputati, ma producewx permessi biex juru li kienu jistghu jimmaniggjaw skart u li mill-konkluzzjonijiet tal-espert jirrizulta li l-huggiega kienet tikkontjeni ukoll skart bhal *tyres*. Dan l-aspett tal-aggravju ta' nullita' ghalhekk qed ikun michud;

7. Lura ghall-aggravju li hu terren komuni bejn l-appellanti kollha rigwardanti n-nullita' tas-sentenza peress illi hija karenti minn formalita' rikjesta mill-ligi, l-appellanti jargumentaw illi l-Ewwel Qorti sabet htija fihom bi ksur tal-Avviz Legali 337/2001 dwar erba' reati

minghajr ma indikat r-regolamenti li jirreferu ghal-dawk ir-reati. L-istess appellanti itennu illi l-AL 337/01 jipprospetta xejn anqas minn 29 regolament u wiehed minnhom, igifieri r-regolament 26, jirraviza hames reati wahdu;

8. L-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali jiddisponi hekk: *"Il-qorti , meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat".* L-indikazzjoni zbaljata tal-artikolu tal-ligi li jikkontempla r-reat dejjem kienet ekwiparata man-nuqqas ta' indikazzjoni ta' tali artikolu li jissarraf f'nuqqas ta' osservanza tal-artikolu 382 *ergo* nuqqas ta' formalita' sostanzjali. Fil-kwistjoni hawn devoluta, l-ewwel Qorti semmiet biss l-Avviz Legali 337/2001. Ezaminat dan l-Avviz Legali jemergi illi dan jikkontjeni diversi regolamenti uhud ta' natura amministrattiva u ohrajn li n-nuqqas ta' osservanza taghhom jammonta ghal-reat. Fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti ikkonkludiet hekk: *"Ghal dawn il-motivi u wara li rat AL337/01 ssib lill-imputati … hatja tal-akkuza kif dedotta kontrihom u tikkundannahom multa ta' elf u mitejn ewro kull wiehed (€1200)".* L-indikazzjoni tal-Avviz Legali minghajr ma jissemmew ir-regolamenti partikolari li dwarhom instabu hatja l-appellanti ghalhekk jekwipara ghan-nuqqas tal-Ewwel Qorti li tindika dawk l-artikoli kif mitlub fl-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali. L-appellanti ghalhekk ghandhom ragun dwar dan l-aggravju ghaliex is-sentenza appellata hija karenti minn wiehed mir-rekwizti essenzjali kontemplati fl-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 ghal-validita' taghha. Ghal

dawn il-motivi, din il-Qorti qed tiddikjara s-sentenza tal-Ewwel Qorti nulla. Ghalhekk ukoll mhux mehtieg li jkunu konsiderati l-aggravji l-ohra tal-appellanti. Stante illi mill-atti jirrizulta illi quddiem l-Ewwel Qorti kienu xehedu l-appellanti (allura imputati) u d-deposizzjoni taghhom mhix traskirtta in atti, u stante illi ghalhekk din il-Qorti mhix f'qaghda tiddeciedi dwar il-mertu skond l-artikolu 428(3) tal-Kodici Kriminali, tordna li l-atti jkun trasmessi lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) sabiex terga tiddeciedi l-kaz mill-gdid skond il-ligi.